SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

20 ta’ Novembru 2025 *

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta’ prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali, u l-moviment liberu ta’ din id-data – Direttiva (UE) 2016/680 – Artikolu 4(1)(c) u (e) – Minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data – Limitazzjoni tal-ħżin tad-data personali – Artikolu 10 – Ġbir u ħżin ta’ data bijometrika u ġenetika – Neċessità assoluta – Artikolu 6(a) – Obbligu li ssir distinzjoni bejn id-data personali ta’ kategoriji differenti ta’ persuni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-ġbir ta’ data bijometrika u ġenetika ta’ kull persuna ssuspettata jew akkużata li wettqet reat kriminali intenzjonali – Artikolu 5 – Termini xierqa għat-tħassir jew għall-verifika regolari tal-ħtieġa li tinħażen din id-data – Assenza ta’ terminu massimu ta’ ħżin – Evalwazzjoni tal-ħtieġa tal-ħżin tad-data bijometrika u ġenetika mill-pulizija abbażi ta’ regoli interni – Artikolu 8(2) – Legalità tal-ipproċessar ta’ din id-data – Kunċett ta’ ‘dispożizzjoni tad-dritt ta’ Stat Membru’ – Possibbiltà li l-ġurisprudenza nazzjonali tiġi kklassifikata bħala ‘dritt ta’ Stat Membru’”

Fil-Kawża C-57/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa min-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka), permezz ta’ deċiżjoni tas-26 ta’ Jannar 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta’ Frar 2023, fil-proċedura

JH

vs

Policejní prezidium

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. L. Arastey Sahún, Presidenta tal-Awla, J. Passer, E. Regan (Relatur), D. Gratsias u B. Smulders, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta’ Novembru 2024,

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal JH, minn M. Mandzák, L. Nezpěvák u L. Trojan, advokáti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, O. Serdula, J. Vláčil, T. Suchá u L. Březinová, bħala aġenti,

– għall-Irlanda, minn M. Browne, Chief State Solicitor, A. Joyce u D. O'Reilly, bħala aġenti, assistiti minn A. Mulligan, BL,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn J. Langer, bħala aġent,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Bouchagiar, H. Kranenborg, P. Němečková u F. Wilman, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Frar 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1)(c) u (e), tal-Artikolu 6, tal-Artikolu 8(2) u tal-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, u rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn JH u l-Policejní prezidium (id-Direttorat tal-Pulizija, ir-Repubblika Ċeka) (iktar 'il quddiem id-"Direttorat tal-Pulizija Ċek") dwar, b'mod partikolari, il-ġbir ta' data bijometrika u ġenetika relatata ma' JH fil-kuntest ta' proċeduri kriminali kif ukoll iż-żamma tagħha mill-pulizija Ċeka.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 1, 2, 26, 33, 37 u 96 tad-Direttiva 2016/680 huma fformulati kif ġej:

"(1) Il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali hija dritt fundamentali. L-Artikolu 8(1) tal-[Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta")] u l-Artikolu 16(1) [TFUE] jistipula li kull persuna għandu jkollha d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha.

(2) Il-prinċipji ta', u r-regoli dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom, tkun xi tkun in-nazzjonalità jew ir-residenza tagħhom, għandhom jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom, b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-data personali. […]

[…]

(26) Kull ipproċessar ta' data personali għandu jkun legali, ġust u trasparenti fir-rigward tal-persuni fiżiċi kkonċernati u jiġi pproċessat biss għal skopijiet speċifiċi stipulati mil-liġi. Dan minnu nnifsu ma jipprevjenix lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi milli jwettqu attivitajiet bħal investigazzjonijiet bil-moħbi jew sorveljanza bil-vidjo. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jsiru għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra theddid għas-sigurtà pubblika u l-prevenzjoni tiegħu sakemm ikunu stipulati mil-liġi u jikkostitwixxu miżura meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika filwaqt li jitqiesu kif mistħoqq l-interessi leġittimi tal-persuna fiżika kkonċernata. […] Il-persuni fiżiċi għandhom isiru konxji mir-riskji, ir-regoli, is-salvagwardji u d-drittijiet b'rabta mal-ipproċessar tad-data personali tagħhom u kif għandhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'rabta mal-ipproċessar. B'mod partikolari, l-iskopijiet speċifiċi li għalihom tiġi pproċessata d-data personali għandhom ikunu espliċiti u leġittimi u stabbiliti fil-mument meta tinġabar id-data. Id-data personali għandha tkun adegwata u rilevanti għall-iskopijiet li għalihom tkun qiegħda tiġi pproċessata. […] Id-data personali għandha tkun ipproċessata biss jekk l-iskop tal-ipproċessar ma jkunx jista' jintlaħaq mod ieħor b'mod raġonevoli. Sabiex jiġi żgurat li d-data ma tinżammx għal aktar żmien minn kemm hu meħtieġ, il-kontrollur għandu jistabbilixxi limiti ta' żmien għat-tħassir jew għal rieżami perjodiku. Id-data personali għandha tkun ipproċessata biss jekk l-iskop tal-ipproċessar ma jkunx jista' jintlaħaq mod ieħor b'mod raġonevoli.

[…]

(33) Meta din id-Direttiva tirreferi għal-liġi ta' Stat Membru, bażi legali jew miżura leġiżlattiva, dan mhux neċessarjament jeħtieġ att leġiżlattiv adottat minn Parlament, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti skont l-ordni kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, tali liġi ta' Stat Membru, bażi legali jew miżura leġiżlattiva bħal din għandha tkun ċara u preċiża u l-applikazzjoni tagħha prevedibbli għal dawk soġġetti għaliha, kif mitlub mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-liġi ta' Stat Membru li tirregola l-ipproċessar tad-data personali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tispeċifika minn tal-inqas l-objettivi, id-data personali li għandha tiġi pproċessata, il-finijiet tal-ipproċessar u l-proċeduri biex jiġu ppreservati l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data personali u l-proċeduri għall-qerda tagħha, biex b'hekk jiġu pprovduti garanziji biżżejjed kontra r-riskju tal-abbuż u tal-arbitrarjetà.

[…]

(37) Data personali li, min-natura tagħha, tkun partikolarment sensittiva fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, jistħoqqilha protezzjoni speċifika billi l-kuntest tal-ipproċessar tagħha jista' joħloq riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Dik id-data personali għandha tinkludi data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, fejn l-użu tat-terminu 'oriġini razzjali' f'din id-Direttiva ma jimplikax li

l-Unjoni taċċetta teoriji li jippruvaw jiddeterminaw l-eżistenza ta' razez umani separati. Tali data personali ma għandhiex tiġi pproċessata, sakemm l-ipproċessar ma jkunx soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data stabbiliti bil-liġi u sakemm ma jkunx permess f'każijiet awtorizzati bil-liġi; jew jekk mhux diġà awtorizzati minn tali liġi l-ipproċessar ikun meħtieġ biex jipproteġi l-interessi importanti tas-suġġett tad-data jew ta' persuna oħra; jew l-ipproċessar huwa relatat ma' data li ssir pubblika b'mod ċar mis-suġġett tad-data. Salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data jistgħu jinkludu l-possibbiltà li dik id-data tinġabar biss b'rabta ma' data oħra dwar l-il-persuna fiżika kkonċernata, il-possibbiltà li tkun żgurata b'mod adatt id-data miġbura, regoli aktar stretti dwar l-aċċess tal-persunal tal-awtorità kompetenti għad-data u l-projbizzjoni tat-trażmissjoni ta' dik id-data. […]

[…]

(96) L-Istati Membri għandhom jingħataw perijodu ta' mhux aktar minn sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva biex tiġi trasposta. L-ipproċessar li diġà jkun qed isir f'dik id-data għandu jsir konformi ma' din id-Direttiva fi żmien sentejn wara li din id-Direttiva tidħol fis-seħħ. Madankollu, fejn tali pproċessar ikun konformi mal-liġi tal-Unjoni applikabbli qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-konsultazzjoni minn qabel tal-awtorità superviżorja ma għandhomx japplikaw għall-operazzjonijiet ta' pproċessar li jkunu diġà qed isiru f'dik id-data, peress li dawk ir-rekwiżiti, min-natura tagħhom stess, għandhom jiġu sodisfatti qabel l-ipproċessar. […]

[…]"

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett u objettivi", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli rigward il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardji kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika".

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Din id-Direttiva tapplika għall-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 1(1)".

6 Skont l-Artikolu 3 tal-istess direttiva, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(1) 'data personali' tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-data'); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika;

(2) 'ipproċessar' tfisser kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq data personali jew fuq settijiet ta' data personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

[…]

(12) 'data ġenetika' tfisser id-data personali relatata mal-karatteristiċi ġenetiċi ta' persuna fiżika li jkunu ntirtu jew inkisbu li tagħti informazzjoni unika dwar il-fiżjoloġija jew is-saħħa ta' dik il-persuna fiżika, u li tirriżulta, b'mod partikolari, minn analiżi ta' kampjun bijoloġiku mill-persuna fiżika inkwistjoni;

(13) 'data bijometrika' tfisser data personali li tirriżulta mill-ipproċessar tekniku speċifiku relatat mal-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi jew tal-imġiba ta' persuna fiżika, li tippermetti jew tikkonferma l-identifikazzjoni unika ta' dik il-persuna fiżika, bħall-immaġnijiet tal-wiċċ jew id-data dattiloskopika […]"

7 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2016/680, intitolat "Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali", jippreċiża, fil-paragrafu 1 tiegħu:

" L-Istati Membri għandhom jipprevedu li d-data personali tkun:

a) ipproċessata b'mod legali u ġust;

b) miġbura għal finijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi u mhux ipproċessata b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dawk il-finijiet;

c) adegwata, rilevanti, u mhux eċċessiva għall-finijiet li għalih tiġi pproċessata;

d) tkun preċiża u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata; għandu jittieħed kull pass raġonevoli biex ikun żgurat li d-data personali impreċiża, b'kont meħud tal-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata, titħassar jew tiġi rettifikata mingħajr dewmien;

e) miżmuma b'mod li jippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal mhux aktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li tiġi pproċessata;

[…]"

8 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, intitolat "Limiti ta' żmien għall-ħażna u għar-rieżami", huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jipprevedu li jiġu stabbiliti limiti taż-żmien għat-tħassir ta' data personali jew għal reviżjoni perjodika tal-ħtieġa li tinħażen id-data personali. Miżuri proċedurali għandhom jiżguraw li dawk il-limiti ta' żmien jiġu osservati".

9 L-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Distinzjoni bejn kategoriji differenti ta' suġġett tad-data", jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-kontrollur, fejn applikabbli u safejn ikun possibbli, jagħmel distinzjoni ċara bejn data personali ta' kategoriji differenti ta' suġġetti tad-data, bħal:

a) persuni li fir-rigward tagħhom ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li jkunu wettqu jew li jkunu ser iwettqu reat kriminali;

b) persuni misjuba ħatja ta' reat kriminali;

c) vittmi ta' reat kriminali jew persuni li ċerti fatti fir-rigward tagħhom jagħtu lok għal raġunijiet biex wieħed jemmen li huma jistgħu jkunu l-vittma ta' reat kriminali; u

d) partijiet oħra għal reat kriminali, bħal persuni li jistgħu jissejħu biex jixhdu f'investigazzjonijiet b'rabta ma' reati kriminali jew proċeduri kriminali sussegwenti, persuni li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar reati kriminali, jew kuntatti jew assoċjati ta' waħda mill-persuni msemmija fil-punti (a) u (b)".

10 L-Artikolu 8 tal-istess direttiva, intitolat "Legalità tal-ipproċessar", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jippreveduli l-ipproċessar ikun legali biss jekk u sakemm dak l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir minn awtorità kompetenti għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 1(1) u li jkun ibbażat fuq il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru.

(2) Il-liġi tal-Istat Membru li tirregola l-ipproċessar fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tispeċifika tal-inqas l-objettivi tal-ipproċessar, id-data personali li għandha tiġi pproċessata u l-finijiet tal-ipproċessar".

11 Skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, intitolat "Ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali":

"L-ipproċessar ta' data personali li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija ma' trade union, u l-ipproċessar ta' data ġenetika, ta' data bijometrika bil-għan li tiġi identifika unikament persuna fiżika, ta' data dwar is-saħħa jew ta' data li tikkonċerna l-ħajja sesswali jew orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika għandu jiġi permess biss meta verament ikun meħtieġ, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data, u biss:

a) fejn awtorizzat bil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

b) biex jiġu protetti l-interessi importanti tas-suġġett tad-data jew ta' persuna fiżika oħra; jew

c) fejn tali pproċessar ikun relatat ma' data li b'mod ċar tkun saret pubblika mis-suġġett tad-data".

12 Skont l-Artikolu 63(1) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri kellhom jadottaw u jippubblikaw, sas-6 ta' Mejju 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw mal-imsemmija direttiva. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma obbligati japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn din l-istess data.

13 Konformement mal-Artikolu 64 tal-istess direttiva, din tal-aħħar daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Mejju 2016.

Id-dritt Ċek

14 L-Artikolu 11 taż-zákon č. 273/2008 Sb., o Policii České republiky (il-Liġi Nru 273/2008 dwar il-Pulizija tar-Repubblika Ċeka), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Pulizija Ċeka"), intitolat "Proporzjonalità tal-atti", jipprovdi:

"Il-pulizija u l-impjegati tal-pulizija għandhom:

[…]

c) jaġixxu b'tali mod li kwalunkwe ndħil fid-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li huma s-suġġett tal-att, jew tal-persuni mhux ikkonċernati, ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minn dan l-att".

15 L-Artikolu 65 tal-Liġi dwar il-Pulizija Ċeka jipprevedi:

"(1) Fil-kuntest tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, il-pulizija tista', għall-finijiet ta' identifikazzjoni futura, fil-każ ta'

a) persuna akkużata li wettqet reat kriminali intenzjonali, jew persuna li ġiet infurmata li kienet suspettata li wettqet tali reat kriminali,

b) persuna li qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija talli wettqet reat kriminali intenzjonali,

c) persuna suġġetta għal miżuri mediċi koerċittivi jew għal detenzjoni ta' sigurtà, jew

d) persuna rikjesta li nstabet u li għandha kapaċità ġuridika limitata,

tieħu l-marki tas-swaba' tagħha, tfittex partikolaritajiet fiżiċi, tieħu kejl tal-ġisem tiegħu, twettaq reġistrazzjonijiet vidjo, awdjo u simili, u tieħu kampjuni bijoloġiċi li jippermettu li tinkiseb informazzjoni dwar il-materjal ġenetiku tiegħu.

(2) Jekk, fuq oppożizzjoni tal-persuna, att previst fil-paragrafu 1 ma jkunx jista' jitwettaq, il-pulizija għandha d-dritt li tinjora din l-oppożizzjoni wara li tkun talbet inutilment lil din il-persuna sabiex tissottometti ruħha għalih. Il-mod li bih huwa jinjora l-imsemmija oppożizzjoni għandu jkun proporzjonali għall-intensità tagħha. Il-pulizija ma tistax tinjora l-oppożizzjoni ta' persuna fil-każ ta' teħid ta' demm jew ta' att simili ieħor li jippreġudika l-integrità fiżika.

(3) Jekk att previst fil-paragrafu 1 ma jistax jitwettaq fuq il-post, il-pulizija għandha d-dritt li tordna lill-persuna kkonċernata twettaq dan l-att. Il-pulizija għandha teħles lil din il-persuna ladarba l-imsemmi att ikun twettaq.

(4) Il-pulizija għandha tfassal rapport dwar l-atti hekk imwettqa.

(5) Il-pulizija għandha tħassar id-data personali miksuba skont il-paragrafu 1 meta l-ipproċessar tagħha ma jkunx indispensabbli għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew is-sejbien ta' reati

kriminali jew il-prosekuzzjoni tagħhom, jew għall-iżgurar tas-sigurtà tar-Repubblika Ċeka, l-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna".

16 L-Artikolu 79 ta' din il-liġi, intitolat "Dispożizzjonijiet fundamentali dwar l-ipproċessar ta' data personali fl-eżerċizzju ta' ċerti missjonijiet tal-pulizija", jipprevedi:

"(1) Il-paragrafi 2 sa 6 u l-Artikoli 79a sa 88 japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni u ta' sejbien ta' reati kriminali, ta' prosekuzzjoni f'din il-kwistjoni, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tar-Repubblika Ċeka jew sabiex jiġu żgurati l-ordni pubbliku u s-sigurtà interna, inkluż għall-finijiet ta' investigazzjoni ta' persuni u oġġetti.

(2) Il-pulizija tista' tipproċessa d-data personali jekk dan ikun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Il-pulizija tista' tipproċessa d-data personali wkoll sabiex tipproteġi l-interessi importanti ta' suġġett tad-data li huma marbuta mal-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

[…]"

17 L-Artikolu 82 tal-imsemmija liġi, intitolat "Verifika tan-neċessità ta' pproċessar ulterjuri ta' data personali", huwa fformulat kif ġej:

"(1) Il-pulizija għandha tivverifika mill-inqas darba kull tliet snin li d-data personali pproċessata għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 79(1) għadha neċessarja għat-twettiq tal-kompiti tagħha f'dan il-qasam.

(2) Għall-finijiet tal-verifika msemmija fil-paragrafu 1, il-pulizija hija awtorizzata li titlob estratt mir-rekords kriminali.

(3) L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, il-Ministerstvo spravedlnosti (il-Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Repubblika Ċeka), l-Ústavní soud (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Repubblika Ċeka) u l-Kancelář prezidenta republiky (l-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Ċeka) għandhom jinformaw kontinwament lill-pulizija, fil-limiti tal-kompetenzi tagħhom, għall-finijiet tal-verifika msemmija fil-paragrafu 1, bid-deċiżjonijiet finali tagħhom, bil-preskrizzjoni ta' proċeduri kriminali, bl-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' deċiżjonijiet tal-President tar-Repubblika relatati ma' proċedura kriminali, ma' pieni jew ma' amnestija jew ma' maħfra mogħtija".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2015, is-servizz ta' identifikazzjoni tal-korruzzjoni u tal-kriminalità finanzjarja tal-grupp tal-pulizija kriminali u ta' investigazzjoni tas-sezzjoni ta' Plzeň (ir-Repubblika Ċeka), li huwa servizz tal-pulizija Ċeka b'kompetenza nazzjonali, beda proċeduri kriminali kontra JH għar-reat ta' ksur ta' obbligu fil-ġestjoni tal-patrimonju ta' ħaddieħor.

19 Fit-13 ta' Jannar 2016, il-pulizija Ċeka, qabelxejn, semgħet lil JH fil-kuntest tal-proċedura kriminali kkonċernata kif ukoll ordnat u pproċediet għat-twettiq tal-atti ta' identifikazzjoni li ġejjin, minkejja n-nuqqas ta' qbil ta' JH: teħid diġitali tal-marki tas-swaba ta' JH, swab minn ħalqu li permezz tiegħu l-pulizija ħolqot profil ġenetiku, it-teħid ta' ritratti ta' JH u t-tfassil ta' deskrizzjoni ta' JH. Sussegwentement hija rreġistrat din l-informazzjoni fid-databases korrispondenti.

20 Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Marzu 2017, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka) iddeċidiet li JH kien wettaq ir-reat ta' ksur ta' obbligu fil-ġestjoni tal-patrimonju ta' ħaddieħor, u dan b'kompliċità, kif ukoll delitt ta' abbuż ta' poter min-naħa ta' uffiċjal. L-imsemmija qorti imponiet fuq JH piena ta' priġunerija ta' tliet snin sospiża, projbizzjoni milli jeżerċita fl-amministrazzjoni pubblika funzjonijiet ta' tmexxija, inkluża l-ġestjoni ta' patrimonju immobbli u mobbli, għal erba' snin, u kkundannatu wkoll jikkumpensa, fil-limiti tal-possibbiltajiet tiegħu, id-dannu kkawżat.

21 Fit-8 ta' Marzu 2016, JH ippreżenta rikors quddiem il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) intiż sabiex jiġi kkonstatat li t-twettiq tal-atti ta' identifikazzjoni konformement mal-Artikolu 65 tal-Liġi dwar il-Pulizija Ċeka, iż-żamma tal-informazzjoni u tal-kampjuni miksuba, kif ukoll il-ħolqien ta' dħul fid-database tal-Pulizija Ċeka f'din l-okkażjoni kienu jikkostitwixxu ndħil illegali fid-dritt fundamentali tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata.

22 Peress li, fil-kuntest ta' kawża oħra li kienet pendenti dak iż-żmien, huwa kien diġà adixxa lill-Ústavní soud (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Repubblika Ċeka) b'talba għall-evalwazzjoni tal-kostituzzjonalità tal-Artikolu 65 tal-Liġi dwar il-Pulizija Ċeka, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) issospendiet l-eżami tar-rikors ippreżentat minn JH.

23 Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2022, l-Ústavní soud (il-Qorti Kostituzzjonali) ċaħdet it-talba mressqa mill-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) intiża sabiex tiġi kkonstatata l-antikostituzzjonalità tal-Artikolu 65 tal-Liġi dwar il-Pulizija Ċeka. Wara dik id-deċiżjoni, dik il-qorti tal-aħħar kompliet l-eżami tar-rikors ippreżentat minn JH.

24 Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Ġunju 2022, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) laqgħet ir-rikors ta' JH, billi ddeċidiet li l-atti mwettqa mill-pulizija Ċeka fit-13 ta' Jannar 2016 kienu illegali. Konsegwentement, dik il-qorti ordnat lill-Pulizija Ċeka tħassar mid-databases tagħha d-data personali kollha li tirriżulta minn dawn l-atti.

25 F'dik is-sentenza, l-imsemmija qorti enfasizzat li t-teħid ta' materjal ġenetiku kien jirrappreżenta ndħil kunsiderevoli fid-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata tal-persuna kkonċernata, protett b'mod partikolari fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), u fl-Artikolu 10(3) tal-Listina základních práv a svobod (il-Karta tad-Drittijiet u tal-Libertajiet Fundamentali tar-Repubblika Ċeka). Issa, l-Artikolu 65 tal-Liġi dwar il-Pulizija Ċeka ma jipprovdix indikazzjonijiet suffiċjenti sabiex tiġi evalwata n-natura proporzjonata ta' dan l-indħil. Fil-fatt, l-unika verifika li dan l-aħħar artikolu jeżiġi hija li l-pulizija Ċeka tivverifika, qabel ma tagħmel tali teħid, in-natura "intenzjonali" tar-reat imwettaq.

26 Barra minn hekk, l-istess qorti rrilevat li JH kien suġġett għal prosekuzzjoni biss għat-twettiq ta' reat, jiġifieri reat kriminali inqas gravi, li l-piena li ċċaħħad il-libertà tiegħu kienet sospiża, li jikkonferma l-gravità baxxa tal-fatti allegati, li huwa qatt ma kien ġie kkundannat qabel fi proċeduri kriminali, li reċidiviżmu min-naħa tiegħu ma kienx probabbli u li ma kienx ċert li r-reati mwettqa kienu ta' natura kriminali li l-awturi fil-futur kienu jwettqu reat kriminali li d-data personali miżmuma fid-databases setgħet tikkontribwixxi sabiex jiġi identifikat. Minn dan hija ddeduċiet li l-atti ta' identifikazzjoni mwettqa mill-pulizija Ċeka u li huma s-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżit ta' proporzjonalità.

27 Id-Direttorat tal-Pulizija Ċeka appella fil-kassazzjoni mill-imsemmija sentenza quddiem in-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka), li hija l-qorti tar-rinviju.

28 Insostenn tal-appell tiegħu, id-Direttorat tal-Pulizija Ċeka jenfasizza li l-għan tal-ipproċessar tad-data personali kien espress b'mod ċar fl-Artikolu 65 tal-Liġi dwar il-Pulizija. Hija tafferma wkoll li, f'dan il-każ, is-servizzi kompetenti tal-Pulizija Ċeka evalwaw in-natura proporzjonata tal-ġbir u taż-żamma tad-data personali ta' JH, filwaqt li ħadu inkunsiderazzjoni l-fattur tar-reċidiviżmu, il-possibbiltà ta' aggravazzjoni tal-atti u l-fatt li JH kien fil-passat wettaq diversi reati.

29 Bi tweġiba, JH jenfasizza b'mod partikolari li s-servizzi tal-Pulizija Ċeka kienu wettqu atti ta' identifikazzjoni mingħajr ma eżaminaw minn qabel in-natura proporzjonata tal-indħil ikkonċernat. JH ikkritika wkoll l-assenza ta' pubbliċità tal-istruzzjonijiet tal-Pulizija Ċeka dwar it-twettiq ta' atti ta' identifikazzjoni.

30 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, skont il-ġurisprudenza l-iktar reċenti tagħha, is-sempliċi osservanza tar-rekwiżiti formali stabbiliti fl-Artikolu 65(1) tal-Liġi dwar il-Pulizija Ċeka, b'mod partikolari dik dwar il-klassifikazzjoni ta' reat kriminali "intenzjonali", ma hijiex biżżejjed sabiex il-ġbir u ż-żamma tad-data personali msemmija f'dan l-artikolu jkunu jistgħu jitqiesu bħala legali. Għalhekk, is-servizzi tal-pulizija għandhom l-obbligu li jevalwaw il-proporzjonalità tat-teħid f'kull każ konkret, billi jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-passat kriminali, il-personalità u l-aġir tal-persuna kkonċernata, il-gravità tar-reat kriminali li għalih din il-persuna ġiet ikkonvokata bl-għan li jitwettqu atti ta' identifikazzjoni kif ukoll, fil-kuntest ta' talba għal tħassir *ex post*, it-tul tal-perijodu li għadda minn meta twettaq ir-reat kriminali kkonċernat.

31 Skont din il-ġurisprudenza, il-qrati nazzjonali kkonkludew li atti ta' identifikazzjoni, bħall-ġbir ta' data bijometrika u ġenetika, b'mod partikolari fil-każ ta' reati li ma jinvolvu ebda vjolenza u mwettqa minn persuni li qatt ma ġew ikkundannati, huma illegali.

32 Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà mad-Direttiva 2016/680 tas-sistema legali stabbilita fl-Artikolu 65 tal-Liġi dwar il-Pulizija Ċeka.

33 Fl-ewwel lok, dik il-qorti tistaqsi jekk ir-rekwiżiti stabbiliti minn din id-direttiva jipprekludux il-ġbir mingħajr distinzjoni ta' data bijometrika u ġenetika għal kull persuna ssuspettata li wettqet reat kriminali intenzjonali.

34 Minn naħa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata, kif iggarantit fl-Artikolu 8 tal-KEDB, jirriżulta li l-partijiet kontraenti huma obbligati jistabbilixxu distinzjoni bejn ir-reati kriminali li għalihom jinġabru kampjuni tal-aċidu deossiribonuklejku (DNA) skont il-gravità tagħhom għas-soċjetà. Il-partijiet kontraenti ma jistgħux jittrattaw bl-istess mod, minn naħa, l-awturi ta' reati kriminali serji, bħal dawk imwettqa bi vjolenza, li għalihom it-teħid u ż-żamma ta' kampjuni tad-DNA jkunu leġittimi, u, min-naħa l-oħra, l-awturi ta' reati kriminali inqas serji.

35 Min-naħa l-oħra, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità, bħal, b'mod partikolari, dak ikkonkretizzat, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2016/680, fil-forma tal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data u l-obbligu li jiġu stabbiliti distinzjonijiet bejn diversi kategoriji ta' persuni kkonċernati, previsti fl-Artikolu 4(1)(c) ta' din id-direttiva u fl-Artikolu 6 tagħha, rispettivament, iqajmu mistoqsijiet dwar jekk l-istabbiliment

ta' distinzjonijiet *in abstracto* fil-livell leġiżlattiv, skont, b'mod partikolari, il-gravità tar-reati previsti, huwiex suffiċjenti jew jekk huwiex neċessarju li tiġi evalwata *in concreto* n-natura proporzjonata ta' ġbir f'kull każ speċifiku.

36 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 2016/680 jipprekludux iż-żamma ta' data bijometrika u ġenetika mingħajr ma tkun espliċitament prevista limitazzjoni *ratione temporis* f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli ma tiffissax limitu massimu għall-perijodu taż-żamma tad-data ta' identifikazzjoni. Issa, skont l-interpretazzjoni li tagħti l-qorti tar-rinviju tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din teżiġi li jiġi stabbilit tali limitu massimu.

37 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-ġurisprudenza tal-qrati amministrattivi Ċeki tistax tiġi kklassifikata bħala "liġi ta' Stat Membru", fis-sens tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/680, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' legalità tal-ipproċessar ta' data personali.

38 Fil-fatt, l-Artikolu 65 tal-Liġi dwar il-Pulizija Ċeka la jippreċiża l-kundizzjonijiet konkreti ta' żamma u t-tipi ta' informazzjoni li jistgħu jiġu estratti mill-kampjun meħud u lanqas il-kundizzjonijiet ta' żamma u ta' ħassir ta' data bijometrika u ġenetika, b'tali mod li dan l-artikolu ma jistax jissodisfa, waħdu, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2016/680, moqri flimkien mal-Artikolu 10 tagħha.

39 Ċertament, dan l-Artikolu 65 huwa kkompletat mill-istruzzjonijiet tal-President tal-pulizija li jimplimentawh, iżda peress li dawn tal-aħħar la huma testi leġiżlattivi u lanqas huma ppubblikati, huma fl-ebda każ ma jistgħu jingħataw il-kwalità ta' "liġi ta' Stat Membru", fis-sens tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2016/680.

40 Għaldaqstant, tqum il-kwistjoni dwar jekk id-dritt ta' Stat Membru jistax jitqies li jipprevedi garanziji sostantivi u proċedurali suffiċjenti għall-ipproċessar ta' data sensittiva, fis-sens tal-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, bħal data bijometrika u ġenetika, meta dawn il-garanziji jiġu pprovduti mill-ġurisprudenza.

41 F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) X'livell ta' distinzjoni bejn id-diversi suġġetti tad-data jirrikjedi l-Artikolu 4(1)(c) jew l-Artikolu 6 moqri flimkien mal-Artikolu 10 tad-Direttiva [2016/680]? Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-ġbir ta' data ġenetika tal-persuni kollha ssuspettati jew suġġetti għal prosekuzzjoni għat-twettiq ta' reat kriminali intenzjonali, hija kompatibbli mar-rekwiżit ta' minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data personali, kif ukoll mal-obbligu li tiġi stabbilita distinzjoni bejn diversi kategoriji ta' suġġetti tad-data?

(2) Huwa konformi mal-Artikolu 4(1)(e) tad-Direttiva 2016/680 il-fatt li, fid-dawl tal-iskop ġenerali ta' prevenzjoni, ta' tfittxija jew ta' skoperta tar-reati kriminali, il-ħtieġa li jibqa' jinżamm il-profil tad-DNA tiġi evalwata mis-servizzi tal-pulizija abbażi tal-ħtiġijiet interni tagħhom, li fil-prattika ta' spiss iwassal sabiex data personali sensittiva tinżamm għal żmien indeterminat fl-assenza ta' kwalunkwe limitu ta' żmien massimu ta' żamma tal-imsemmija data? Fin-negattiv, fid-dawl ta' liema kriterji għandha, jekk ikun il-każ, tiġi evalwata n-natura proporzjonata ratione temporis taż-żamma tad-data personali miġbura u miżmuma għal dan l-għan?

(3) Fil-każ tad-data personali partikolarment sensittiva li taqa' taħt l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, liema huma l-kundizzjonijiet sostantivi jew proċedurali minimi għall-kisba, għaż-żamma u għat-tħassir ta' din id-data li għandhom ikunu previsti fid-dritt tal-Istat Membru permezz ta' 'dispożizzjoni ta' portata ġenerali'? Il-ġurisprudenza tista' hija wkoll ikollha l-kwalità ta' 'liġi tal-Istat Membru' fis-sens tal-Artikolu 8(2), moqri flimkien mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq it-tielet domanda

42 Permezz tat-tielet domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 8 u 10 tad-Direttiva 2016/680 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, fir-rigward tal-ġbir, tal-ħżin u tat-tħassir ta' data bijometrika u ġenetika, il-kunċett ta' "liġi ta' Stat Membru", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jinftiehem bħala li jkopri biss dispożizzjoni ta' portata ġenerali li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-ġbir, għall-ħżin u għat-tħassir ta' tali data jew jekk il-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali li tippreċiża dawn il-kundizzjonijiet tistax ukoll taqa' taħt dan il-kunċett.

43 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2016/680, moqri fid-dawl tal-punti 12 u 13 tal-Artikolu 3 tagħha, il-ġbir, il-ħażna u t-tħassir ta' data bijometrika u ġenetika jikkostitwixxu pproċessar ta' data personali, fis-sens ta' din id-direttiva.

44 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2016/680 jistabbilixxi diversi prinċipji li għalihom huwa suġġett dan l-ipproċessar, li jirriflettu, bħalma jsegwi mill-premessi 1 u 2 ta' din id-direttiva, il-mod kif, fil-limiti previsti fl-Artikolu 52 tal-Karta, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jikkonkretizza, fir-rigward tal-imsemmi pproċessar, id-dritt fundamentali tal-persuni fiżiċi għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom, irrikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta, li huwa stess huwa marbut mill-qrib mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, stabbilit fl-Artikolu 7 tagħha, billi tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura speċifika tal-attivitajiet ta' prevenzjoni u ta' skoperta tar-reati kriminali, ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni fil-qasam jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjoni kriminali.

45 Fost dawn il-prinċipji, l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2016/680 jipprevedi li kull data personali għandha tiġi pproċessata b'mod legali u ġust.

46 L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/680 jippreċiża, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri għandhom jipprevedu li pproċessar ta' data personali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva jkun legali biss jekk, u sakemm, ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir minn awtorità kompetenti, għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 1(1) tal-imsemmija direttiva, u meta jkun ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt ta' Stat Membru.

47 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 8(2) tal-istess direttiva, l-ipproċessar ta' tali data huwa possibbli biss jekk id-dispożizzjoni tad-dritt ta' Stat Membru li tirregola dan l-ipproċessar tispeċifika tal-inqas l-għanijiet ta' dan l-ipproċessar, id-data personali li għandha tkun is-suġġett tal-imsemmi pproċessar u l-għanijiet tiegħu.

48 Fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' data personali, bħad-data bijometrika jew ġenetika, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680 huwa intiż li jiżguralhom protezzjoni ikbar billi jiddefinixxi kundizzjonijiet imsaħħa ta' legalità tal-ipproċessar ta' tali data (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Jannar 2024, Direktor na Glavna direktsia "Natsionalna politsia" pri MVR–Sofia, C-118/22, EU:C:2024:97, punt 48, u tal-4 ta' Ottubru 2024, Bezirkshauptmannschaft Landeck (Tentattiv ta' aċċess għad-data personali maħżuna fuq telefon ċellulari), C-548/21, EU:C:2024:830, punt 107). Fil-fatt, dawn il-kategoriji ta' data huma, bħalma tenfasizza l-premessa 37 ta' din id-direttiva, min-natura tagħhom, partikolarment sensittivi mill-perspettiva tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali, għaliex il-kuntest li fih tiġi pproċessata tali data jista' joħloq riskji sinjifikattivi għal-libertajiet u għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data.

49 Għalhekk, konformement mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, kull ipproċessar li jirrigwarda data personali li taqa' taħt waħda mill-kategoriji elenkati b'mod eżawrjenti f'dan l-artikolu (iktar 'il quddiem id-"data personali sensittiva"), għandu jiġi awtorizzat mid-dritt tal-Unjoni jew mid-dritt ta' Stat Membru.

50 Minn dan isegwi li l-Artikoli 8 u 10 tad-Direttiva 2016/680 huma intiżi li jippreċiżaw il-portata ta' whud mill-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, li jikkonkretizzaw, fil-qasam kopert mill-imsemmija direttiva, b'mod partikolari d-dritt fundamentali tal-persuni fiżiċi għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom irrikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta.

51 Għaldaqstant, il-kunċett ta' "dritt ta' Stat Membru" użat f'dawn l-Artikoli 8 u 10 għandu jinftiehem fis-sens li jimmaterjalizza, fil-qasam kopert mid-Direttiva 2016/680, il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(2) tal-Karta, li tipprovdi li kull ipproċessar ta' data personali li ma jsirx abbażi tal-kunsens tas-suġġett tad-data, għandu jitwettaq skont bażi leġittima oħra prevista mil-liġi, kundizzjoni li sempliċement tirrifletti r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 52 tal-Karta li kull limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minnha għandha tkun prevista mil-liġi. Dan il-kunċett jirrigwarda għalhekk il-validità tal-użu tad-dritt nazzjonali bħala bażi legali għall-ipproċessar ta' data personali.

52 Issa, minn naħa, bħalma enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 82 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iddeċidiet li t-terminu "liġi", użat fl-Artikolu 8(2) tal-Karta, fl-espressjoni "bażi […] stabbilita mil-liġi", għandu jinftiehem fl-aċċettazzjoni materjali u mhux formali tiegħu (sentenza tas-16 ta' Novembru 2023, Roos *et* vs Il-Parlament, C-458/22 P, mhux ippubblikata, EU:C:2023:871, punt 61). Min-naħa l-oħra, skont din il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-imsemmija tifsira tat-terminu "liġi", fl-espressjoni "stabbilita mil-liġi", imsemmija fl-Artikolu 8(2) tal-KEDB, timplika li din il-kelma tirreferi għat-test fis-seħħ kif interpretat mill-qrati kompetenti (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 23 ta' Jannar 2025, H.W. vs Franza, CE:ECHR:2025:0123JUD001380521, punt 65).

53 Barra minn hekk, bħalma jsegwi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm ir-rekwiżit li kull limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-Karta għandha tkun prevista mil-liġi jimplika li l-att li jippermetti l-indħil f'dawn id-drittijiet għandu jiddefinixxi huwa stess il-portata ta' din il-limitazzjoni, dan ir-rekwiżit ma jeskludix madankollu li, minn naħa, il-limitazzjoni inkwistjoni tkun ifformulata f'termini suffiċjentement wiesgħa sabiex tkun tista' tiġi adattata għal każijiet differenti kif ukoll għall-bidliet ta' sitwazzjonijiet u, min-naħa l-oħra, li l-qorti kompetenti tkun tista', jekk ikun il-każ, tippreċiża, permezz ta' interpretazzjoni, il-portata konkreta tal-imsemmija limitazzjoni fir-rigward kemm tal-kliem stess ta' dan l-att li jippermetti

l-indħil kif ukoll tal-istruttura ġenerali tal-imsemmi att u tal-għanijiet imfittxija minn dan tal-aħħar (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2022, Ligue des droits humains (C-817/19, EU:C:2022:491, punt 114).

54 Għaldaqstant, il-kunċett ta' "dritt ta' Stat Membru", fis-sens tal-Artikoli 8 u 10 tad-Direttiva 2016/680, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 8(2) tal-Karta, għandu jinftiehem bħala li jista' jirreferi għal dispożizzjoni li tipprevedi espressament l-ipproċessar ta' data personali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, kif interpretata mill-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali.

55 Fi kwalunkwe każ, bħalma huwa rrilevat fil-punt 47 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2016/680 jipprevedi li pproċessar ta' data personali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva huwa possibbli biss jekk id-dispożizzjoni tad-dritt ta' Stat Membru li tirregola dan l-ipproċessar tispeċifika tal-inqas l-għanijiet, id-data personali li għandha tkun is-suġġett tiegħu u l-għanijiet.

56 Issa, f'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, ir-riferiment għal "liġi" tad-dritt ta' Stat Membru li "tirregola" l-ipproċessar inkwistjoni jimplika li l-għanijiet, id-data personali li għandha tiġi pproċessata u l-iskopijiet ikunu, tal-inqas fil-prinċipju tagħhom, previsti minn dispożizzjoni ta' portata ġenerali. Min-naħa l-oħra, dan l-Artikolu 8(2) huwa intiż, bħalma jirriżulta espressament mill-premessa 33 tal-imsemmija direttiva, sabiex id-dritt tal-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar ikun ċar u preċiż u l-applikazzjoni tiegħu tkun prevedibbli għall-partijiet fil-kawża, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

57 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kull miżura li tikkostitwixxi l-bażi legali ta' pproċessar ta' data personali għandu jkollha ċerti kwalitajiet, jiġifieri, essenzjalment, li hija għandha tkun, qabelxejn, konformi mar-regoli ta' livell superjuri, sussegwentement, aċċessibbli u, fl-aħħar nett, suffiċjentement prevedibbli, jiġifieri sa livell raġonevoli fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, sabiex tippermetti lill-individwi kkonċernati jirregolaw l-aġir tagħhom, li jippreżupponi li din il-miżura tiddefinixxi b'ċarezza suffiċjenti l-portata u l-modalitajiet tal-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, Qorti EDB, 26 ta' April 1979, Sunday Times vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1979:0426JUD00065387, punti 25 u 52; Qorti EDB, 1 ta' Lulju 2008, Liberty *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2008:0701JUD005824300, punti 62 u 63; Qorti EDB, 4 ta' Diċembru 2008, S. u Marper vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2008:1204JUD003056204, punt 95).

58 Bl-istess mod, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li, sabiex tkun tissodisfa r-rekwiżit li tkun prevista mil-liġi stabbilit fl-Artikolu 52 tal-Karta, leġiżlazzjoni li tinvolvi ndħil fid-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta għandha tipprevedi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni ta' miżura u li jimponu minimu ta' rekwiżiti, b'tali mod li l-persuni li d-data personali tagħhom tkun ikkonċernata jkollhom garanziji suffiċjenti li jippermettu li tiġi protetta b'mod effikaċi d-data personali tagħhom kontra r-riskji ta' abbuż, kif ukoll kontra kull aċċess u kull użu illegali ta' din id-data (ara s-sentenzi tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland *et*, C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238, punt 54, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems, C-362/14, EU:C:2015:650, punt 91).

59 Peress li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2016/680 huwa intiż li jiżgura l-osservanza tar-rekwiżiti mfakkra fil-punti 56 u 57 ta' din is-sentenza, minn dan isegwi li, l-għanijiet imfittxija, id-data personali kkonċernata u l-iskopijiet ta' pproċessar li jaqgħu taħt din id-direttiva għandhom

jirriżultaw b'ċarezza u preċiżjoni suffiċjenti mid-dispożizzjoni li tirregola dan l-ipproċessar stess, sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti li jkun previst mil-liġi, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 52 tal-Karta.

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikoli 8 u 10 tad-Direttiva 2016/680 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fir-rigward tal-ġbir, tal-ħżin u tat-tħassir ta' data bijometrika u ġenetika, il-kunċett ta' "dritt ta' Stat Membru", fis-sens ta' dawn l-artikoli, għandu jinftiehem bħala li jkopri dispożizzjoni ta' portata ġenerali li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-ġbir, għall-ħżin u għat-tħassir ta' tali data, kif interpretata mill-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali, sakemm din il-ġurisprudenza tkun aċċessibbli u prevedibbli biżżejjed.

Fuq l-ewwel domanda

Fuq l-ammissibbiltà

61 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-ewwel domanda tiġi ddikjarata inammissibbli għar-raġuni li l-ġbir tad-data ġenetika u bijometrika ta' JH mill-Pulizija Ċeka seħħ fit-13 ta' Jannar 2016, jiġifieri qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2016/680, li seħħ fil-5 ta' Mejju 2016, u qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva, stabbilit għas-6 ta' Mejju 2018 mill-Artikolu 63(1) ta' din id-direttiva.

62 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew ukoll meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-20 ta' Marzu 2025, Anib *et*, C-728/22 sa C-730/22, EU:C:2025:200, punt 48).

63 F'dan il-każ, l-Artikolu 64 tad-Direttiva 2016/680 jipprevedi li din tidħol fis-seħħ fil-5 ta' Mejju 2016 filwaqt li l-Artikolu 63 ta' din id-direttiva jipprevi li l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom magħha, sa mhux iktar tard mis-6 ta' Mejju 2018.

64 Madankollu, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li d-data personali miġbura fir-rigward ta' JH mit-teħid ta' kampjuni ġenetiċi u bijometriċi ta' dan tal-aħħar, fit-13 ta' Jannar 2016, baqgħet tinżamm fid-databases tal-pulizija Ċeka u għalhekk ġiet ipproċessata wara s-6 ta' Mejju 2018.

65 Issa, bla ħsara għas-sitwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2016/680, mill-Artikolu 4(1)(b) ta' din id-direttiva jsegwi li data personali ma tistax tiġi pproċessata jekk il-ġbir tagħha ma jkunx ġie ġġustifikat minn għanijiet leġittimi.

66 Konsegwentement, bħalma enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-data personali li taqa' taħt id-Direttiva 2016/680 li nġabret b'mod legali qabel id-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, iżda li kienet tinġabar bi ksur tal-prinċipji stabbiliti minn din id-direttiva li kieku kienet inġabret wara d-data li fiha l-imsemmija direttiva ġiet trasposta jew,

fin-nuqqas ta' dan, wara d-data ta' skadenza li fiha din kellha tinġabar, jiġifieri s-6 ta' Mejju 2018, ma tistax tinżamm wara d-data li fiha ġiet trasposti din id-direttiva jew, fin-nuqqas, wara d-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tagħha.

67 Għalhekk, f'dan il-każ, ma jidhirx b'mod manifest li l-ewwel domanda hija neċessarjament nieqsa minn kull rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali jew inkella li l-problema mqajma hija ta' natura ipotetika, għar-raġuni, invokata mill-Kummissjoni, li tirrigwarda data bijometrika u ġenetika miġbura qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2016/680.

68 Sa fejn, barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji kollha sabiex tkun tista' tirrispondi b'mod utli għall-ewwel domanda, din tal-aħħar għandha titqies li hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

69 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6 jew l-Artikolu 4(1)(c) tad-Direttiva 2016/680, moqrija flimkien mal-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-ġbir ta' data bijometrika u ġenetika tal-persuni kollha akkużati li wettqu reat kriminali intenzjonali jew issuspettati li wettqu tali reat.

70 F'dan ir-rigward, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2016/680, għandu jitfakkar li dan l-artikolu jobbliga lill-Istati Membri jipprevedu li l-kontrollur tad-data għandu jagħmel, "fejn applikabbli u safejn ikun possibbli", distinzjoni ċara bejn id-data personali ta' kategoriji differenti ta' persuni kkonċernati, bħal dawk imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-imsemmi artikolu, jiġifieri, rispettivament, il-persuni li fir-rigward tagħhom hemm raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li huma wettqu jew huma fil-proċess li jwettqu reat kriminali, il-persuni misjuba ħatja ta' reat, il-vittmi ta' reat kriminali jew il-persuni li fir-rigward tagħhom ċerti fatti jwasslu sabiex wieħed jemmen li huma jistgħu jkunu vittmi ta' reat kriminali u, fl-aħħar, partijiet terzi għal reat kriminali, bħall-persuni li jistgħu jintalbu jixhdu waqt investigazzjonijiet dwar reati kriminali jew proċeduri kriminali sussegwenti, persuni li jistgħu jagħtu informazzjoni dwar reati kriminali, jew kuntatti jew assoċjati ta' waħda mill-persuni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-istess artikolu.

71 Konformement ma' din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom għaldaqstant jiżguraw li l-kontrollur, "fejn applikabbli u safejn ikun possibbli", jagħmel distinzjoni ċara bejn id-data tad-diversi kategoriji ta' suġġetti tad-data b'mod li l-istess livell ta' ndħil fid-dritt fundamentali tagħhom għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom ma jiġix impost fuqhom mingħajr distinzjoni, tkun xi tkun il-kategorija li jagħmlu parti minnha, liema kategoriji għandhom jiġu stabbiliti essenzjalment skont l-istatus kriminali tas-suġġett tad-data.

72 Bħalma tenfasizza l-espressjoni "fejn applikabbli u safejn ikun possibbli" li tinsab fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2016/680, l-obbligu li ssir distinzjoni bejn ċerti kategoriji ta' persuni li dan l-artikolu jimponi fuq l-Istati Membri ma huwiex assolut iżda jiddependi, b'mod partikolari, mill-kwistjoni dwar jekk, f'kull każ, tistax issir distinzjoni ċara bejn dawn il-kategoriji ta' persuni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija), C-205/21, EU:C:2023:49, punt 84) u mill-għanijiet tal-ipproċessar.

73 F'dan il-każ, il-Gvern Ċek isostni li r-riferiment magħmul, mill-qorti tar-rinviju, għall-kategorija ta' persuni ssuspettati għandu jinftiehem bħala li jirreferi għall-persuni li, fil-kuntest ta' proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari, ġew ikkomunikati lilhom suspetti, li, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jeħtieġ, bħal fil-każ tal-persuni akkużati, li jkunu nġabru biżżejjed elementi li juru li l-persuni kkonċernati wettqu reat.

74 Issa, jekk dan kellu jkun il-każ, aspett li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni jkunu jistgħu jitqiesu, għall-finijiet ta' pproċessar partikolari, li jaqgħu t-tnejn li huma taħt il-kategorija prevista fl-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 2016/680, sakemm l-għanijiet imfittxija mill-ipproċessar ikkonċernat ma jimponux in-neċessità li tiġi stabbilita distinzjoni bejn l-imsemmija żewġ kategoriji.

75 Konsegwentement, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2016/680 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti, mingħajr distinzjoni, il-ġbir ta' data bijometrika u ġenetika tal-persuni li jaqgħu taħt il-kategorija ta' persuni "suġġetti għal prosekuzzjoni għat-twettiq ta' reat kriminali intenzjonali" kif ukoll tal-persuni li jaqgħu taħt il-kategorija ta' persuni "suspettati li wettqu tali reat", fis-sens tad-dritt nazzjonali, meta l-għanijiet ta' dan il-ġbir ma jimponux obbligu li tiġi stabbilita distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni li d-data tagħhom tista' tiġi miġbura abbażi ta' din il-leġiżlazzjoni.

76 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-Artikolu 4(1)(c) tad-Direttiva 2016/680, moqri flimkien mal-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, dan l-artikolu tal-ewwel jipprevedi li d-data personali għandha tkun adegwata, rilevanti, u mhux eċċessiva fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata. Dan ir-rekwiżit tal-aħħar jirrikjedi għalhekk l-osservanza, mill-Istati Membri, ta' prinċipju ta' minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data fid-dawl tal-għan u tal-iskop imfittex mill-ipproċessar ikkonċernat.

77 L-Artikolu 10 tal-imsemmija direttiva jipprevedi, min-naħa tiegħu, li, fir-rigward ta' data personali sensittiva, fosthom id-data bijometrika u ġenetika, l-ipproċessar għandu jissodisfa, minbarra l-kundizzjoni li jaqa' taħt wieħed mit-tliet każijiet elenkati b'mod eżawrjenti fil-punti (a) sa (c) tagħha, żewġ kundizzjonijiet oħra, jiġifieri, minn naħa, dik li tgħid li għandu jkun hemm salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġett tad-data u, min-naħa l-oħra, dik li l-ipproċessar maħsub għandu jissodisfa neċessità assoluta.

78 Issa, fir-rigward ta' din il-kundizzjoni tal-aħħar, qabelxejn din timplika li din in-neċessità tiġi evalwata b'mod partikolarment rigoruż fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mill-ipproċessar inkwistjoni u li, konsegwentement, tali pproċessar jista' jitqies li huwa neċessarju f'numru limitat ta' każijiet biss (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija), C-205/21, EU:C:2023:49, punt 118).

79 Għalhekk, il-finijiet ta' pproċessar ta' data bijometrika u ġenetika ta' natura personali ma jistgħux jiġu indikati f'termini ta' natura ġenerali wisq, iżda jeħtieġu li jiġu ddefiniti b'mod suffiċjentement preċiż u konkret sabiex tkun tista' tiġi evalwata n-"neċessità assoluta" tiegħu (sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija), C-205/21, EU:C:2023:49, punt 124).

80 F'dan ir-rigward, għalkemm huwa minnu li d-Direttiva 2016/680 ma tiddefinixxix il-kunċett ta' "finijiet tal-ipproċessar", jista' jiġi rrilevat li l-Artikolu 8(2) ta' din id-direttiva jiddistingwi espressament dan il-kunċett minn dak ta' "objettivi tal-ipproċessar". Issa, l-Artikolu 4(1)(b)

tal-imsemmija direttiva jipprevedi li l-finijiet imfittxija minn ipproċessar ta' data personali għandhom ikunu b'mod partikolari ddeterminati u espliċiti u li din id-data ma tistax tiġi pproċessata b'mod inkompatibbli ma' dawn il-finijiet, filwaqt li l-Artikolu 4(1)(c) tal-istess direttiva jipprevedi li huwa fid-dawl tal-imsemmija finijiet li għandha tiġi evalwata b'mod partikolari n-natura adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva tad-data personali li tkun is-suġġett ta' dan l-ipproċessar.

81 Għaldaqstant, minn dan jista' jiġi dedott li l-kunċett ta' "objettivi tal-ipproċessar", fis-sens ta' dan l-Artikolu 8(2), jirreferi għall-finijiet iktar ġenerali msemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2016/680 li għandu jfittex ipproċessar sabiex jaqa' taħt din id-direttiva, filwaqt li dak ta' "finijiet tal-ipproċessar", fis-sens, b'mod partikolari, tal-Artikolu 8(2) tal-imsemmija direttiva, għandu jinftiehem bħala li jirreferi għall-għanijiet speċifiċi u konkreti mfittxija minn ipproċessar ta' data personali fir-rigward tal-missjoni li għandu l-kontrollur, bħal kompitu speċifiku marbut mal-prevenzjoni jew mal-iskoperta tar-reati kriminali, jew mat-twettiq ta' investigazzjoni u ta' proċeduri kriminali fil-qasam jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali.

82 Sussegwentement, peress li, bħalma jsegwi mill-premessa 26 tad-Direttiva 2016/680, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għad-data personali mhux sensittiva, il-kundizzjoni ta' neċessità, fis-sens ta' din id-direttiva, hija ssodisfatta peress li l-finalità tal-ipproċessar ikkonċernat ma jistax raġonevolment jintlaħaq b'mod daqstant effettiv b'mezzi oħra li jippreġudikaw inqas id-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data, għandu jiġi dedott minnha li l-kundizzjoni, għall-ipproċessar ta' data personali sensittiva, li tiġi ssodisfatta neċessità assoluta, teħtieġ, min-naħa tagħha, li l-kontrollur jiżgura li l-finalità mfittxija mill-ipproċessar ikkonċernat ma tkunx tista' tintlaħaq b'mod daqstant effikaċi billi jirrikorri għal kategoriji ta' data differenti minn dawk elenkati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija), C-205/21, EU:C:2023:49, punt 126).

83 Barra minn hekk, fid-dawl tar-riskji sinjifikattivi li jirrappreżenta l-ipproċessar ta' data personali sensittiva għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-data, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2016/680, il-kundizzjoni ta' "meta verament ikun meħtieġ" teżiġi li tittieħed inkunsiderazzjoni l-importanza partikolari tal-finalità mfittxija mill-ipproċessar ikkonċernat, liema importanza tista' tiġi evalwata, fost l-oħrajn, skont in-natura ta' din il-finalità, minħabba l-fatt li dan l-ipproċessar iservi għan speċifiku u konkret b'rabta mal-prevenzjoni ta' reati kriminali jew ta' theddid kontra s-sigurtà pubblika li jippreżentaw ċertu livell ta' gravità, ir-repressjoni ta' tali reati jew il-protezzjoni kontra tali theddid, kif ukoll fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom isir l-imsemmi pproċessar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija), C-205/21, EU:C:2023:49, punt 127).

84 Fi kwalunkwe każ, fir-rigward tal-ġbir ta' data bijometrika u ġenetika ta' persuni akkużati li wettqu reat kriminali intenzjonali jew issuspettati li wettqu tali reat għal finijiet ta' identifikazzjoni u ta' paragun futur ta' dawn il-persuni, in-natura assolutament neċessarja ta' dan il-ġbir għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha, bħal, b'mod partikolari, in-natura u l-gravità tar-reat issuspettat li għalih hija mixlija, iċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan ir-reat, ir-rabta eventwali tal-imsemmi reat ma' proċeduri oħra pendenti, il-preċedenti ġudizzjarji jew il-profil individwali tal-persuna inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija), C-205/21, EU:C:2023:49, punt 132).

85 Fl-aħħar nett, il-kundizzjoni ta' "meta verament ikun meħtieġ", timplika stħarriġ partikolarment strett tal-osservanza tal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data kkonċernata, stabbilit fl-Artikolu 4(1)(c) ta' din id-direttiva (ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija), C-205/21, EU:C:2023:49, punt 125).

86 B'mod partikolari, fir-rigward taż-żamma jew tal-użu ta' data estratta mid-DNA ta' persuna għal finijiet ta' identifikazzjoni jew ta' paragun, tali prinċipju jimplika li, sabiex tiġi evalwata n-neċessità assoluta ta' tali pproċessar, għandha tittieħed debitament inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li jintużaw esklużivament il-poliformiżmi preżenti fiż-żoni li ma humiex kodifikanti tad-DNA, jiġifieri żoni li huwa aċċettat li ma jagħtu ebda informazzjoni dwar l-etniċità jew il-mard ġenetiku ta' dawn il-persuni.

87 Konsegwentement, għalkemm Stat Membru jista' jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2016/680 jew billi jiddelega lill-awtoritajiet kompetenti l-kompitu li jiżguraw, f'kull każ inkwistjoni, l-osservanza tal-kundizzjoni, għal kull ipproċessar ta' data personali sensittiva, li tiġi ssodisfatta neċessità assoluta, jew billi jistabbilixxi, fil-livell leġiżlattiv, kriterji ta' evalwazzjoni li l-awtoritajiet għandhom sussegwentement japplikaw b'mod mhux diskrezzjonali, xorta jibqa' l-fatt li, f'din it-tieni ipoteżi, dawn il-kriterji għandhom ikunu ta' natura li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li jirriżultaw minn din l-istess kundizzjoni, kif stabbiliti fil-punti 77 sa 83 ta' din is-sentenza.

88 Għalhekk, fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija), C-205/21, EU:C:2023:49, punt 135), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-ġbir sistematiku tad-data bijometrika u ġenetika ta' kull persuna mixlija għal reat intenzjonali li huwa suġġett għal prosekuzzjoni *ex officio* għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħha, mingħajr ma tipprevedi l-obbligu, għall-awtorità kompetenti, li tivverifika jew li turi, minn naħa, li dan il-ġbir huwa assolutament neċessarju sabiex jintlaħqu għanijiet speċifiċi u konkreti mfittxija u, min-naħa l-oħra, li dawn l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu permezz ta' miżuri li jikkostitwixxu ndħil inqas serju għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuna kkonċernata, hija kuntrarja għal din il-kundizzjoni ta' neċessità assoluta.

89 Madankollu, filwaqt li l-ġbir previst mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza kien japplika b'mod imperattiv fir-rigward tal-persuni kollha mixlija għal reati intenzjonali suġġetti għal prosekuzzjoni *ex officio*, l-ewwel domanda tirrigwarda leġiżlazzjoni li tagħti lis-servizzi tal-pulizija possibbiltà biss li jiġbru data bijometrika u ġenetika fir-rigward tal-persuni akkużati jew issuspettati li wettqu reat intenzjonali.

90 Issa, il-fatt li leġiżlazzjoni tagħti tali possibbiltà lis-servizzi tal-pulizija ma jimplikax li d-dritt tal-Istat Membru kkonċernat jippermetti li dan il-ġbir ikun sistematiku jew li jkun jista' jsir bi ksur b'mod partikolari tal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data, stabbilit fl-Artikolu 4(1)(c) tad-Direttiva 2016/680, jew tal-kundizzjoni, għall-ipproċessar ikkonċernat, li tiġi ssodisfatta neċessità assoluta, prevista fl-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, sakemm dan id-dritt, inkluża l-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali, tiddefinixxi b'mod xieraq u suffiċjentement preċiż l-iskopijiet imfittxija minn tali pproċessar ta' data bijometrika u ġenetika, jiġifieri l-għanijiet speċifiċi u konkreti mfittxija minn ipproċessar ta' data personali fid-dawl tal-kompitu mogħti lill-kontrollur, u li tali possibbiltà tiġi eżerċitata konformement mar-rekwiżiti esposti fil-punti 77 sa 83 ta' din is-sentenza.

91 Għalhekk, mill-elementi li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li, f'dan il-każ, il-ġurisprudenza nazzjonali timponi ċerti rekwiżiti intiżi li jiżguraw l-osservanza ta' dan il-prinċipju, bħall-obbligu għall-pulizija, qabel ma tieħu kampjun ta' DNA, li tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-passat kriminali tal-awtur tar-reat imwettaq, il-gravità ta' dan tal-aħħar skont it-tip ta' reat ikkonċernat u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tiegħu li jimplika teħid ta' kampjun, kif ukoll il-personalità tal-awtur tal-fatti.

92 F'din is-sitwazzjoni, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw, f'kull każ, jekk il-ġbir imwettaq sarx mis-servizzi tal-pulizija bi ksur tal-prinċipji li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali, stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2016/680, u tar-rekwiżiti partikolari applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali sensittiva, stabbiliti fl-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, kif interpretati fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

93 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat ukoll li s-sempliċi ċirkustanza li r-reat li bih hija akkużata persuna huwa ta' natura ekonomika u li l-ġbir tad-data bijometrika u ġenetika ta' din il-persuna jseħħ qabel ma tiġi kkundannata definittivament ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi eskluż li tali ġbir jista' jitqies li jissodisfa neċessità assoluta, peress li, fid-dawl tal-għanijiet imfittxija, l-imsemmi ġbir, inkluż fid-dawl tat-tip ta' data kkonċernata, jista' jirriżulta assolutament neċessarju, b'mod partikolari sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk, minħabba l-appartenenza eventwali tagħha f'organizzazzjoni kriminali, l-imsemmija persuna setgħetx ipparteċipat f'reati oħra li għalihom data ta' dan it-tip tista' tkun rilevanti, jew jekk jeżisti riskju li taħrab, sabiex tippermetti l-identifikazzjoni tagħha.

94 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 6 u l-Artikolu 4(1)(c) tad-Direttiva 2016/680, moqri flimkien mal-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti, mingħajr distinzjoni, il-ġbir ta' data bijometrika u ġenetika ta' kull persuna akkużata li wettqet reat kriminali intenzjonali jew issuspettata li wettqet tali reat, sa fejn, minn naħa, il-finijiet ta' dan il-ġbir ma jimponux l-obbligu li tiġi stabbilita distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni u, min-naħa l-oħra, il-kontrolluri jkunu obbligati, konformement mad-dritt nazzjonali, inkluża l-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali, josservaw il-prinċipji u r-rekwiżiti partikolari, stabbiliti fl-Artikoli 4 u 10 tal-imsemmija direttiva.

Fuq it-tieni domanda

95 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li għalkemm, fil-formulazzjoni tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju ssemmi leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha bħala konsegwenza li d-data personali kkonċernata tinżamm, fil-parti l-kbira tal-każijiet, għal "żmien indeterminat", mill-elementi tal-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li, bi "żmien indeterminat", dik il-qorti għandha l-intenzjoni, definittivament, li tirreferi għaċ-ċirkustanza li ebda perijodu massimu ta' żamma ma huwa speċifikat, u mhux għal dak li tali żamma tkun mingħajr limitu *ratione temporis*.

96 Konsegwentement, għandu jinftiehem li, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1)(e) tad-Direttiva 2016/680 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li n-neċessità li tinżamm data bijometrika u ġenetika hija evalwata mis-servizzi tal-pulizija abbażi ta' regoli interni, mingħajr ma din il-leġiżlazzjoni tipprevedi perijodu massimu ta' żamma.

97 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(1)(e) tad-Direttiva 2016/680 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jipprevedu li d-data personali għandha tinħażen taħt forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal tul li ma jeċċedix dak li huwa neċessarju fid-dawl tal-finijiet li għalihom din id-data tiġi pproċessata.

98 Fir-rigward, fl-ewwel lok, taċ-ċirkustanza li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata ma tipprevedix perijodu massimu ta' żamma, għandu jitfakkar li, konformement mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1)(e) tad-Direttiva 2016/680, l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu l-iffissar ta' termini xierqa għat-tħassir tad-data personali jew għall-verifika regolari tan-neċessità li tinżamm din id-data, kif ukoll tar-regoli proċedurali li jippermettu li tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn it-termini.

99 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jħalli f'idejn l-Istati Membri l-kompitu li jiddeterminaw l-imsemmija termini, sa fejn dawn ikunu "xierqa", u li jiddeċiedu jekk dawn jikkonċernawx it-tħassir tal-imsemmija data jew il-verifika regolari tan-neċessità li din tinżamm.

100 Ċertament, l-Artikolu 4(1)(e) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2016/680 għandhom jinqraw flimkien b'mod partikolari mal-Artikolu 10 tagħha, b'tali mod li ż-żamma ta' data bijometrika jew ġenetika għandha tissodisfa neċessità assoluta u għandha tippreżenta salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuna kkonċernata.

101 Madankollu, meta Stat Membru jistabbilixxi termini xierqa għall-verifika regolari tan-neċessità li tinżamm data personali u meta, fl-okkażjoni ta' din il-verifika, in-neċessità assoluta li din iż-żamma tiġi estiża għandha tiġi evalwata, id-dritt tal-Istat Membru kkonċernat għandu jitqies li jissodisfa tali rekwiżiti. Għalhekk, anki meta d-data miżmuma tkun data personali sensittiva, tali Stat Membru ma huwiex obbligat jiddefinixxi limiti *ratione temporis* assoluti għaż-żamma ta' din id-data, li lil hinn minnhom din tal-aħħar għandha titħassar awtomatikament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2024, Direktor na Glavna direktsia "Natsionalna politsia" pri MVR–Sofia, C-118/22, EU:C:2024:97, punt 52).

102 Min-naħa l-oħra, in-natura xierqa ta' tali termini ta' verifika regolari teħtieġ li, minn naħa, konformement mal-Artikolu 4(1)(ċ) u (e) tad-Direttiva 2016/680, moqri fid-dawl tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, id-data personali miżmuma sa dak iż-żmien titħassar, u dan fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 16(2) u (3) ta' din id-direttiva, jekk, f'waħda mill-verifiki mwettqa, iż-żamma tal-istess data ma tidhirx li hija assolutament neċessarja iktar u, konsegwentement, tirriżulta eċċessiva fid-dawl tal-finijiet imfittxija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2024, Direktor na Glavna direktsia "Natsionalna politsia" pri MVR–Sofia, C-118/22, EU:C:2024:97, punti 45, 48 u 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

103 Min-naħa l-oħra, fid-dawl tar-rekwiżiti, previsti fl-Artikolu 4(1)(c) tad-Direttiva 2016/680, li kull data personali għandha tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva fid-dawl tal-finijiet li għalihom hija pproċessata, taċ-ċirkustanza li din id-dispożizzjoni u l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva għandhom jinqraw fid-dawl tar-rekwiżiti li joħorġu mill-Artikolu 52 tal-Karta, kif ukoll tal-obbligu, previst fl-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva, għall-kontrollur, li jistabbilixxi, jekk ikun il-każ, distinzjoni ċara bejn id-data personali tad-diversi kategoriji ta' suġġetti tad-data, dawn it-termini ta' verifika ma jistgħux jitqiesu li huma xierqa jekk il-bidliet fl-istatus kriminali tas-suġġett tad-data, meqjusa bħala rilevanti fid-dawl tal-finalità mfittxija minn din iż-żamma, ma jwasslux għal obbligu, għall-kontrollur, li jeżamina mill-ġdid, f'terminu raġonevoli, in-neċessità li d-data relatata ma' din il-persuna tinżamm.

104 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, iċ-ċirkustanza li n-neċessità li tinżamm id-data bijometrika u ġenetika tiġi evalwata mid-dipartimenti tal-pulizija abbażi ta' regoli interni, tali ċirkustanza ma hijiex, fiha nnifisha, kuntrarja għall-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2016/680, sa fejn dawn ir-regoli interni jimponu fuq dawn id-dipartimenti l-obbligu li jiżguraw l-osservanza tal-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' neċessità assoluta li tinżamm din id-data u li l-marġni ta' evalwazzjoni ta' dawn id-dipartimenti huwa suffiċjentement irregolat mid-dritt nazzjonali, inkluża l-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali.

105 Fil-fatt, għalkemm iċ-ċirkustanza li regoli jkunu interni, u għalhekk mhux aċċessibbli għall-persuni kollha li d-data personali tagħhom tista' tiġi pproċessata, għandha l-konsegwenza li tali regoli ma jistgħux jiġu invokati mill-awtoritajiet kompetenti sabiex juru li josservaw ir-rekwiżiti imposti fuqhom, din iċ-ċirkustanza madankollu ma għandhiex bħala konsegwenza li tirrendi awtomatikament illegali l-ipproċessar ta' data personali deċiż fid-dawl ta' dawn ir-regoli, iżda timplika li, jekk ikun il-każ, fil-każ ta' rikors kontra d-deċiżjoni li jitwettaq tali pproċessar, id-dipartimenti tal-pulizija jistabbilixxu quddiem il-qorti kompetenti, indipendentement minn dawn ir-regoli interni, li l-kundizzjoni ta' "meta verament ikun meħtieġ" ġiet debitament osservata.

106 F'dan il-każ, minn naħa, skont il-Gvern Ċek, jirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 65(5) tal-Liġi dwar il-Pulizija Ċeka, aspett li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, li l-profili tad-DNA tal-persuni akkużati li wettqu reat kriminali intenzjonali jew issuspettati li wettqu tali reat għandhom jitħassru meta ż-żamma tagħhom ma tkunx iktar neċessarja fid-dawl tal-għanijiet imfittxija, jiġifieri meta dawn il-persuni ma jkunux iktar akkużati jew issuspettati u meta dawn il-persuni ma jkunux suġġetti għal prosekuzzjoni kriminali oħra, jew meta dawn il-persuni ma jkunux wettqu delitti jew reati oħra preċedentement.

107 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, madankollu, li ż-żamma ta' data bijometrika u ġenetika tista' titqies li tissodisfa r-rekwiżit li hija għandha tiġi awtorizzata biss "meta verament ikun meħtieġ", fis-sens tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, biss jekk tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss ir-rabta eventwali tal-persuna kkonċernata ma' proċeduri oħra pendenti jew inkella sitwazzjonijiet preċedenti jew il-profil tagħha, iżda wkoll in-natura u l-gravità tar-reat li jkun wassal għall-kundanna kriminali definittiva, jew ċirkustanzi oħra bħall-kuntest partikolari li fih dan ir-reat ikun twettaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2024, Direktor na Glavna direktsia "Natsionalna politsia" pri MVR–Sofia, C-118/22, EU:C:2024:97, punt 67).

108 Min-naħa l-oħra, għalkemm id-dritt Ċek ma jipprevedix perijodu massimu ta' żamma tad-data personali miġbura abbażi tal-Artikolu 65(1) tal-Liġi Ċeka dwar il-Pulizija, l-Artikolu 82(1) ta' din il-liġi madankollu jobbliga lis-servizzi tal-pulizija jivverifikaw mill-inqas darba kull tliet snin li ż-żamma ta' din id-data għadha neċessarja għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom.

109 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk, fid-dawl tal-finijiet imfittxija miż-żamma tad-data bijometrika u ġenetika kkonċernata, tali terminu ta' verifika ta' tliet snin jistax jitqies li huwa xieraq, filwaqt li madankollu għandu jiġi ppreċiżat li, fil-każ kuntrarju, it-tħassir ta' din id-data ma jkunx madankollu meħtieġ jekk jiġi stabbilit li ż-żamma tagħha għadha, fi kwalunkwe każ, assolutament neċessarja.

110 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 4(1)(e) tad-Direttiva 2016/680 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li n-neċessità li tinżamm id-data bijometrika u ġenetika għandha tiġi evalwata mid-dipartimenti tal-pulizija abbażi ta' regoli interni, mingħajr ma din

il-leġiżlazzjoni tipprevedi perijodu massimu ta' żamma, sakemm l-imsemmija leġiżlazzjoni tistabbilixxi termini xierqa għall-verifika regolari tan-neċessità li tinżamm din id-data u, meta ssir din il-verifika, tiġi evalwata n-neċessità assoluta li tiġi estiża ż-żamma tagħha.

Fuq l-ispejjeż

111 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikoli 8 u 10 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

fir-rigward tal-ġbir, tal-ħżin u tat-tħassir ta' data bijometrika u ġenetika, il-kunċett ta' "dritt ta' Stat Membru", fis-sens ta' dawn l-artikoli, għandu jinftiehem bħala li jkopri dispożizzjoni ta' portata ġenerali li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-ġbir, għall-ħżin u għat-tħassir ta' tali data, kif interpretata mill-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali, sakemm din il-ġurisprudenza tkun aċċessibbli u prevedibbli biżżejjed.

2) L-Artikolu 6 u l-Artikolu 4(1)(c) tad-Direttiva 2016/680, moqri flimkien mal-Artikolu 10 ta' din id-direttiva,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti, mingħajr distinzjoni, il-ġbir ta' data bijometrika u ġenetika ta' kull persuna akkużata li wettqet reat kriminali intenzjonali jew issuspettata li wettqet tali reat, sa fejn, minn naħa, il-finijiet ta' dan il-ġbir ma jimponux l-obbligu li tiġi stabbilita distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni u, min-naħa l-oħra, il-kontrolluri jkunu obbligati, konformement mad-dritt nazzjonali, inkluża l-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali, josservaw il-prinċipji u r-rekwiżiti partikolari, stabbiliti fl-Artikoli 4 u 10 tal-imsemmija direttiva.

3) L-Artikolu 4(1)(e) tad-Direttiva 2016/680

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li n-neċessità li tinżamm id-data bijometrika u ġenetika għandha tiġi evalwata mid-dipartimenti tal-pulizija abbażi ta' regoli interni, mingħajr ma din il-leġiżlazzjoni tipprevedi perijodu massimu ta' żamma, sakemm l-imsemmija leġiżlazzjoni tistabbilixxi termini xierqa għall-verifika regolari

tan-neċessità li tinżamm din id-data u, meta ssir din il-verifika, tiġi evalwata n-neċessità assoluta li tiġi estiża ż-żamma tagħha.

Firem